Bernard Micallef

# *L-espressjoni awtentika tal-kittieb fis-soċjetà Maltija llum*

Meta titkellem dwar il-kittieb tista' ssib ruħek fi żvantaġġ, l-aktar minħabba li trid tagħmel sens loġiku minn dak li jirrifjuta l-loġika u r-razzjonalità biex isib dimensjoni aktar awtentika, interjuri u implikattiva. Iżda fl-istess waqt għandna storja sħiħa ta' kritika u estetika li b'mod ċar u argumentattiv sabet li setgħet għallinqas tanalizza l-mekkaniżmi u t-teknika stilistika, flimkien mal-mod kif teżisti u tiffunzjona l-arti, b'mod oġġettiv u xjentifiku. L-għan tiegħi hawn hu li nsib xi punt bejn il-kritika u l-arti, proprju fejn wieħed ma jafx eżattament il-kittieb hux qed ikun aktar xjentifiku, jew aktar spiritwali, biex minn hemm nagħti ħarsa attwali lejn il-kittieb Malti llum u lejn l-espressjoni awtentika tiegħu fil-pajjiż. L-ewwelnett, xi tfisser tkun awtentiku? Ħafna drabi aħna norbtu ma' l-awtentiċità mhux biss il-ħajja ta' kuljum, iżda tip ta' għarfien li l-istess ħajja jagħmilha aktar mgħajxa milli fattwalità ta' kuljum. Fi kliem ieħor l-awtentiċità ma titlobx tip ta' għajxien flok ieħor jekk b'għajxien qed nifhmu mġiba, iżda titlob tip ta' attitudni flok oħra. L-awtentiċità titlob ukoll is-sagrifiċċju ta' l-irrelevanti biex jifdal biss dak li hu sinjifikanti. U s-sinjifikanti mill-ġdid jitlob, bħalma qal Jaspers, li l-bniedem isib il-limiti tiegħu mhux biex jieqaf, iżda biex permezz tal-limiti jsir konxju ta' 'l hinn mil-limitu, ta' universalità li ma jifhimx iżda li issa jaf biha.

Il-bniedem għandu sinjifikat għax hu limitat biżżejjed, kemm temporalment kif ukoll intellettwalment, biex ifittex aktar. L-awtentiku joħroġ minn din il-qagħda ta' taħlit bejn dak li se jieqaf u jintemm, u dak

li se jkompli bla konfini għax issa ġie meħlus; bejn dak li, skond Kierkegaard, hu kontinġenza finita u dak li hu essenza. Malta bil-limiti kollha tagħha, speċjalment ġeografiċi kif ukoll ta' popolazzjoni, ħsieb u espressjoni, tikkwalifika wkoll bħala 'l hinn mil-limitu. Anzi l-gżira tista' ssib l-universali qabel pajjiżi oħrajn għax se ssib il-bidu ta' l-infinit viċin ħafna ta' kulma tagħmel. Żgur se ssib, ta' l-inqas, il-bqija tad-dinja ftit mili 'l hinn u 'l hawn minn kull punt fuq l-art tagħha.

Forsi dan hu l-bidu ta' l-awtentiċità li kittieb jista' jesprimi fis-soċjetà Maltija. Jista' bit-teknika stilistika tiegħu, flimkien ma' tematika relevanti, imiss il-limiti tas-sens lingwistiku, jikxef espressjoni komuni li hi nieqsa mill-oriġinalità fl-applikazzjoni, u kontinwament jeżamina l-punti safejn il-lingwa tagħna tasal qabel tixpakka għal ġo assurdità. Aħna nafu, biex nieħu eżempju bina stess hawn ġew, li qegħdin bilqiegħda ġo sala, u qegħdin bilqiegħda wkoll ġo Malta, u fl-istess waqt qegħdin bilqiegħda wkoll ġo dinja, u minħabba li d-dinja qiegħda f'univers naħseb li qegħdin bilqiegħda wkoll fl-univers. Jekk nemmnu li 'l hinn mill-univers hemm ix-xejn ta' infinità, ikolli ngħid li aħna bilqiegħda fix-xejn. Qed nifhmu mal-ewwel li kull limitu ġdid ilaqqagħna ma' 'l hinn minnu sakemm nintuwixxu nuqqas ta' konfini. Bl-istess mod meta norbtu ruħna ma' snin ma nkunux ħlief sibna limiti temporali li wkoll jissuġġerixxu li 'l hinn minnhom ma hemmx temporalità. Iż-żmien hu kejl ġo nuqqas ta' kejl. Dan l-għarfien awtentiku jista' jkun l-attitudni ta' kittieb b'espressjoni ġenwina.

L-espressjoni, l-aktar wara l-espressjoniżmu Ewropew u l-viċinanza ta' dan għal movimenti bħall-immaġiżmu, il-konfessjonaliżmu u s-surrealiżmu, ma' tista' qatt tkun ġenwina jekk tfittex il-pubbliku li se jismagħha qabel ma tesprimi suġġettività. Dan żgur li mhux megħjun mill-politika, il-ġurnaliżmu, ir-radju u t-televiżjoni, u l-kliem ta' kuljum tagħna fejn it-tendenza ħafna drabi hi li taħbi argument diġà eżistenti, jew li tagħti libsa verbali lil sens stabbilit. Iżda fl-istess waqt hemm ukoll ħjiel qawwi ta' awtentiċità fil-poeta modern fejn it-tendenza hi li s-sens għandu jiġi wara l-kelma, ilaħħaq magħha u jserviha hu. Jidher għalhekk

li l-awtenticità moderna (li l-arti m'għandhiex tfisser), daħlet f'Malta fil-poeżija l-aktar u fis-snin sittin. Din l-idea ta' espressjoniżmu bla ostaklu, profetiku għax joħloq direzzjoni għall-futur mhux għax jissopponih, hija l-idea li tista' tintrabat faċilment ma' ħassieba moderni u kontemporanji bħal Heidegger, Wittgenstein u d-dekostruzzjonisti. Il-poeti kontemporanji qed jagħrfu l-kelma fl-ispirtu ta' dak li qal Wittgenstein dwar kif lingwa hi wara kollox l-użu tagħha, kif ħafna mill-problemi filosofiċi huma fil-fatt problemi maħluqin għax naljenaw il-lingwa mill-użu, u kif ir-realtà li jgħix il-bniedem hi logħba lingwistika fejn regoli jiġu mibnija u applikati sakemm jaħdmu. Il-kittieb jista' jkun aktar awtentiku meta jifhem li f'idejh għandu mhux l-artikulazzjoni ta' lingwa, iżda, l-artikulazzjoni ta' realtà. U nistgħu noħolqu s-sens billi nagħrfu wżijiet ġodda fit-tħaddim ta' lingwa daqskemm nistgħu nkunu żbaljati bl-istess eżerċizzju. Iżda nazzarda ngħid li l-iżball fl-arti hu żball f'postu jekk b'mod regolari jagħraf l-irregolarità tiegħu jew iħaddimha sakemm issir funzjoni loġika skond il-kriterji tagħha stess. Hekk żifna artistika tidher bħala mixja żbaljata, poeżija bħala kliem f'għaqda żbaljata, u pittura bħala fotografija żbaljata. Iżda żifna hi wkoll artikulazzjoni mill-ġdid tad-dinja tal-mixi, u forsi biex bniedem jaqleb minn żifna għal mixja, ma jridx jaqleb minn żball għal korrettezza, daqskemm irid iżarma grammatika tas-saqajn li tagħmel sens u jidħol f'oħra li tagħmel sens b'sinjifikat ġdid.

Is-sehem ta' kittieb awtentiku fis-soċjetà hu li b'espressjoni ġenwina jagħmel passi ġodda, anki bi żbalji loġiċi u grammatikali, bla ma jħalli li dawn l-iżbalji, intelliġenti fl-aspett kreattiv, ikunu daqshekk biss. L-espressjoni tkun awtentika meta l-użu l-ġdid li kittieb jagħmel mil-lingwa jdaħħal lill-qarrej f'sistema totali, jew dinja sħiħa, li tiffunzjona sa l-aħħar u li minnha l-qarrej ma jkunx jista' joħroġ jekk qabel xejn ma jgħixx il-grammatika l-ġdida, il-logħba ta' regoli ġodda, imqar biex ma jaqbilx magħhom. Xejn xejn dan jgħin lis-soċjetà tifhem li anki l-lingwa tagħha ta' kuljum hi metodu ta' verità u mhux l-unika verità.

Il-lingwa hi l-użu tagħha għax hi temporali, jew timxi f'sekwenza. Kull kelma li tingħad hija wkoll it-telf tagħha stess biex minn fuqha u

permezz tagħha jimxi sinjifikat. Aħna lkoll nafu li espressjoni hi l-ħoss flimkien mas-sens, jiġifieri mhix komponent wieħed. U użu jfisser li flimkien maż-żewġ komponenti, ħoss u tifsira, hemm ukoll il-bidla li tiġi bis-sekwenza. Ma' dan nistgħu nżidu l-problematika solipsista ta' min jemmen li l-għerf kollu li nafu individwalment hu l-unika realtà, jiġifieri li aħna ma nafux ħlief lilna nfusna, u allura li intom, biex nieħdu eżempju, m'intomx tisimgħu kliemi iżda lilkom infuskom.

F'dan is-sens il-kliem lanqas biss ma hu espressjoni, hu impressjoni, smigħ interjuri li telaq u wasal mill-istess u fl-istess moħħ. U hemm mill-ġdid Heidegger li jgħallimna nżidu ma' dan kollu s-silenzju, is-silenzju proprju fil-kelma; ta' kliem li flok jgħid jaf ma jgħidx; ta' żarbun fil-pittura ta' Van Gogh li flok juri żarbun jeqred żarbun; ta' espressjoni li tipprova ma tkunx hi nnifisha.

Qed nersaq ftit ftit lejn l-implikazzjoni li l-kelma Maltija llum, ladarba hija, bħalma kienet dejjem, l-użu tagħha nnifisha, nistgħu ngħajxuha biss jekk waqt li nużawha nagħtuha valur. U l-valur jiżdied meta dak li jkollna quddiemna jkun jew rari jew mhedded. Jiġifieri biex lingwa tkun mhux biss użu iżda użu sinjifikanti trid b'kuntradizzjoni tkun lingwa viċin ħafna t-telfien tagħha stess. Forsi hawn min qed jaħseb li anki hawn Malta dan iseħħ meta fit-taħdit ta' kuljum jew nużaw il-kelma b'semantika żbaljata jew nagħżlu kliem missellef flok dak diġà eżistenti fil-lingwa. Iżda l-għarfien awtentiku ta' telfien ma jseħħx fuq żbalji inkonxji fl-użu ta' kuljum ta' lingwa, daqskemm fuq l-abbiltà li għandu kittieb li wara li jkun eżamina l-korrettezza prattika ta' lingwa jsib mezzi kif ikisser dan l-użu biex mill-ġdid jikxef it-taqtigħa dejjiema ta' l-espressjoni: l-isforz biex b'metodu taqbad l-essenza ta' l-essri. Heidegger javża kontra l-lingwa ta' kuljum, il-lingwa tas-seksieka li taħbi aktar milli tikxef l-essri fil-ħwejjeġ. U għal Heidegger il-poeta hu dak li jista' jerġa' jieħu l-lingwa lura għas-sens ewlieni u veru tagħha. F'dan is-sens is-sehem tal-poeta fis-soċjetà hu li jkisser l-użu ta' kuljum ta' lingwa, b'mod li t-tkissir stess juri l-essenzjali aktar mill-użu komuni li tilef ir-rabta oriġinali tiegħu ma' l-essri.

Il-kittieb Malti hu aktarx dak li jaċċetta n-normi soċjali anki f'rumanz ta' protesta kontra politika jew kultura. Forsi anki hawn nistgħu nsibu espressjoni aktar awtentika meta biex nipprotestaw ma niġbdux dak li ma naqblux miegħu u li rridu nwaqqgħu, u flok 'il quddiem immorru lura lejn l-istabbilit.

Bħalma kienet l-awtentiċità għal Kierkegaard u Heidegger forsi tista' tkun għall-kittieb Malti llum. Kierkegaard qal li aħna nimxu 'l quddiem iżda aħna passat għax nafu biss il-passat; jiġifieri aħna nimxu l-passat tagħna 'l quddiem. U Heidegger ried li l-bniedem jerġa' jsir stagħġib primordjali b'dak kollu li mhux mittiefes bil-vulgari jew mill-popolin. It-tnejn ippreżentaw il-bniedem bħala ripetizzjoni ta' dak li hemm madwaru, u tiegħu nnifsu, f'dimensjoni dejjem aktar profonda u essenzjali. Dan hu wieħed mill-akbar sigrieti ta' l-espressjoni awtentika, li tkun espressjoni li tirripeti lilna nfusna, li tirripetina. Kull ripetizzjoni, ma ninsewx, hi forma ta' distruzzjoni għax biha se tagħmel mill-ġdid, u hi forma ta' salvazzjoni.

Biex kelma tirripetina ma tridx tkun konformi ma' l-użu lingwistiku popolari, iżda fl-istess waqt trid tkun dan l-użu bħala sensiela ta' ċifri jew simboli li jorbtuna mal-problematika ta' l-għajxien. Waqt li għal xi Jaspers kollox hu mifhum biċ-ċifri, u anki l-aktar sistemi stabbiliti u ċerti ma humiex ħlief ċifri użati ħafna tant li jingħataw dehra loġika, il-kittieb awtentiku jista' jkollu l-parti ta' dak li jagħmilna konxji li kollox hu simbolu ta' l-essenza tal-ħajja li qed nippruvaw naqbdu u ma nistgħux. Il-kittieb għandu d-dover li jikxef il-lingwa bħala apparenza, biex fl-isfond ta' din l-apparenza nintuwixxu essenza. F'dan is-sens il-lingwa f'idejn kittieb tkun eżattament dik il-fruntiera bejn l-użu lingwistiku ta' kuljum fuq naħa u l-essenza nnifisha fuq l-oħra, u tirripetina għax mill-ġdid tagħmilna din l-essenza.

Minħabba f'dan is-sehem il-kittieb f'soċjetà m'għandux jagħmel dak li ġieli jiġu mistiedna jagħmlu l-kittieba f'Malta, jiġifieri li jispjega dak li kiteb f'termini razzjonali. L-espressjoni awtentika ta' kittieb qatt ma tispjega

u qatt ma tiġi kompletament spjegata. Il-kittieb għandu espressjoni unika li tilgħab bil-limitu li qed jipprova jifrex lilu nnifsu. Il-poeti fis-snin sittin, bil-konfessjonaliżmu tagħhom, urew kif espressjoni awtentika ma tiddeskrivix u ma tispjegax iżda minflok tagħmel sforz enormi fuqha nnifisha biex tipprova tkun pass ġdid bi kriterji ġodda. Hekk poeti bħal Mario Azzopardi, Oliver Friggieri, Daniel Massa u Philip Sciberras ma ppruvawx jittraduċu lilhom infushom għal ġo espressjoni daqskemm ippruvaw ikunu l-espressjoni.

Ma ninsewx ukoll li għal Wittgenstein il-prinċipji u r-regoli huma arranġament konvenzjonali ta' loġika biex din taqbel ma' fattwalità u prattiċità. U fil-qiegħ ta' kollox ma hemmx regoli li jagħtu ġustifikazzjoni għal dak li nagħmlu, tant li meta neżawrixxu r-raġuni għal dak kollu li nagħmlu ma jifdal xejn ħlief li ngħidu "Dan hu dak li nagħmlu". Qed ngħid dan biex ħadd ma jifhem li meta nkunu awtentiċi, u meta jkollna espressjoni awtentika fil-kittieb Malti se jfisser li dak li ngħidu hu ġġustifikat b'xi mod. Għal Wittgenstein, meta nobdu r-regoli nkunu qed nagħmlu hekk mhux b'għażla iżda b'fidi għamja, u dan sakemm ir-regoli jispiċċaw u aħna nibqgħu sejrin bla appoġġ ta' regolarità. Dan se nestendih għall-espressjoni li neħtieġu fil-kittieb Malti: meta l-kittieb jesprimi u jirripeti lilu nnifsu jkun qed imiss il-limiti tal-kuxjenza (dejjem lingwistika) tiegħu, u meta jiġbed dawn il-limiti sa punt ġdid ikun qiegħed ma jagħrafx għalfejn hu kif inhu, u jkun qed jgħid kelma biex jesprimi dak li f'termini umani ma kien xejn sakemm hu għamlu lingwa. F'dan hemm mhux ġustifikazzjoni, iżda l-waqgħa ta' kull ġustifikazzjoni biex naffaċċjaw dak li hu 'l hinn mir-regoli, 'l hinn mil-lingwa. Il-lingwa f'dan is-sens hi dejjem mixja fil-mhux-magħruf, projjezzjoni Sartrijana għal ġox-xejn li hi stess toħloq quddiemha bil-pretensjoni tagħha.

Se nissogra ftit aktar f'dak li se ngħid: espressjoni awtentika hi espressjoni li toħloq ix-xejn biex l-esperjenza li tagħti tkun imġarrba bħala vojt, bħala possibbiltà li qiegħda hemm u mhix. Kulħadd jiftakar kif Aristotli qal li meta naraw it-traġiku jseħħ fl-arti nibżgħu. U l-biża' ma jseħħx jekk dak li rajna jew qrajna ma nagħmluhx tagħna. Iżda fl-istess

waqt dan mhux aħna għax wara kollox aħna udjenza fit-teatru u mhux il-karattri. F'dil-qagħda hemm viżjoni doppja: dik ta' min qed jara u dik ta' min qed iġarrab, u dawn it-tnejn jinsabu fl-udjenza. Fi kliem ieħor l-udjenza tagħraf lilha nnifisha bħala fit-tiġrib u 'l hinn minnu, jew bħala possibbiltà ta' traġedja u 'l barra mit-traġiku. L-awtentiċità hi wkoll dil-qagħda ta' preżenza f'assenza, ta' ġrajja f'nuqqas ta' ġrajja. U biex il-kittieb Malti jkun awtentiku forsi jrid l-ewwel jagħraf li kull kelma hi wkoll il-konfini tagħha stess, u bejn kelma u oħra, bejn konfini u oħrajn, hemm vojt li jirrikjedi qabża ta' fidi.

Espressjoni hi wkoll in-nuqqas li toħloq. Espressjoni awtentika ta' kittieb tagħraf mhux biss x'se tgħid, iżda wkoll x'se jitħalla barra. Kittieb jista' faċilment jifhem li n-nuqqas hu forma ta' espressjoni li jingħata l-forma b'dak li ngħidu. Meta nużaw il-lingwa għall-prattiċità ta' kuljum aktar nagħtu kas il-kontenut milli n-nuqqas 'l hinn minnu, iżda l-kittieb juża l-kontenut bħala sfond. Il-kittieb fil-fatt jista' jiddeterieġi l-qabżiet li jkollu jagħmel il-qarrej b'dak li jgħid. Biex jagħmel dan forsi jkun jirrikjedi anki l-qatla tiegħu nnifsu permezz tal-kelma, bħalma qal il-kritiku Roland Barthes. Jew anki li jħalli l-vojt fit-test letterarju b'mod li l-qarrej ikollu jistabbilixxi hu l-ġrajja u l-immaġinazzjoni neċessarja, bħalma qal Wolfgang Iser. B'dal-mod it-test iseħħ mill-ġdid ma' kull qarrej, u jkun awtentiku għax l-immaġinazzjoni tal-qarrej tipparteċipa fil-ħolqien tas-sens. Fi kliem ieħor it-test isir il-funzjoni ta' l-aspetti kollha umani għax dawn bilfors iridu jaħdmu fil-ħolqien ta' dinja mill-ġdid. U fl-istess waqt id-dubju, l-ansjetà u l-kriżi, li huma tiġrib inevitabbli fl-awtentiċità eżistenzjalista, iseħħu minħabba li l-qarrej innifsu qed jibni kollox proprju fuq ix-xejn.

Għal Sartre il-bniedem fil-ħajja ta' kuljum ftit li xejn għandu ċ-ċans ikun awtentiku minħabba li jidħol fi rwol, f'kodiċi ta' dmirijiet u drittijiet u f'regolarità li jagħtuh sigurtà. Din hi wkoll fidi ħażina, għax is-sigurtà fi ħsiebna mhix konferma tal-verità, kif il-bniedem ta' kuljum jaħsibha, iżda mod kif nagħmluha faċli għalina biex ngħixu u nevitaw il-vojt u l-arbitrarjetà fil-kuxjenza tagħna stess. Anki fi Kierkegaard l-awtentiku jirrikjedi li aħna naqbżu l-moralità komunali u nieħdu passi individwali,

kultant paradossali u assurdi. Iż-żewġ ħassieba jinsistu li l-awtenticità hi rrealizzata f'deċiżjoni bla rabta ma' l-istabbilit, jew meta l-bniedem jagħmel għażliet u jifforma ħajtu fuq bażi ta' xejn. Il-kittieb hu dak li l-aktar jista' jikxef dil-qagħda għax, waqt li bl-oriġinalità tiegħu jwaqqa' ċ-ċertezzi tas-soltu, jista' wkoll jieħu l-ħsieb tas-soċjetà billi jisirqilha l-lingwa u juri kif is-soċjetà mhix ħlief kuxjenza tradizzjonali, kulturali u politika li qed tgħajjex lilha nnifisha. Il-kittieb għandu juri lis-soċjetà li hi essri-għaliha-nnifisha jew għarfien li qed jagħmel lilu nnifsu waqt li qed jagħraf. U l-kittieb jista' wkoll jagħmel lis-soċjetà konxja tal-fatt li bil-kliem, bil-ħsieb u bl-aġir tagħha qed tagħmel mhux biss lilha nnifisha iżda wkoll dinja, jew viżjoni Maltija ta' dinja; għax wara kollox id-dinja għalina tiffunzjona skond l-għajn Maltija. Il-kittieb Malti għandu jassumi, għalhekk, li r-responsabbiltà eżistenzjalista tiegħu, jew l-għażliet li jrid jagħmel b'metodu fuq bażi ta' xejn, hi wkoll responsabbiltà soċjali għax hu jemmen awtomatikament li dan hu l-mod kif għandha taġixxi soċjetà.

Espressjoni awtentika hi dik li fuq naħa tneħħi kull pedament minn taħtha, u fuq oħra tagħti valur b'forma u b'kontenut lilha nnifisha. Hi espressjoni li tesiġi li jkun hemm fidi anki meta nfittxu lilna nfusna bħala identità u ma nsibu xejn. Fi kliem ieħor, il-lingwa trid isservi mhux bħala konsolidazzjoni ta' poplu biex tkun Maltija, iżda bħala diżintegrazzjoni ta' dawk iċ-ċertezzi li ma jħalluniex inkunu umani. Biex il-bniedem Malti jkun Malti tassew l-ewwel irid ikun bniedem tassew u jaffaċċja r-responsabbiltà enormi li għandu kull bniedem: li jagħmel dinja b'lingwa.

Il-lingwa f'dan is-sens issir perċezzjoni dejjem oriġinali tant li l-kittieb mhux biss jeqred lilu nnifsu, iżda fid-dawl tax-xejra ta' ħsieb dikostruzzjonista, jeqred ukoll lill-istess kelma li juża sakemm fit-tkissir innifsu joħroġ mhux sens ta' identità umana b'kontenut, iżda l-qagħda prekarja u awtentika ta' kuxjenza li hi x-xejn tagħha nnifisha. Fi *Striptease* ta' Philip Sciberras, il-mara tibqa' tinża' sakemm tneħħi anki laħamha u għadamha u ma jifdal xejn minnha; u fl-istess waqt f'dak ix-xejn hemm l-identità sħiħa ta' l-uman bħala qagħda flok kontenut: l-uman bħala kuxjenza li tfittex sakemm ma ssibx u tkun ta' l-anqas sabet li ma sabitx.

Is-sehem tal-kittieb f'soċjetà hu li b'mod konsistenti juri li kollox hu sinjal uman użat jew b'rabta ma' ħsus ġenwini u qagħda vera, jew bħala konvenzjonalità. Il-kittieb jista' juri kif dinja mibnija u tiffunzjona permezz ta' lingwa konvenzjonali hija mod ta' dinja. Il-kittieb jista' jagħmel lill-Malti konxju li kollox hu sinjal billi jieħu l-espressjonijiet ta' kuljum, flimkien mal-kliem ġurnalistiku ta' poplu li dejjem irid ikun jaf x'ġara flok kif stilistikament ġara, u b'mekkaniżmi artistiċi jikxef dan kollu bħala apparenza. Ejja naqblu li l-ebda lingwa ma għandha sens 'l hinn mill-poplu li jużaha, u għalhekk il-kittieb ma jistax jieħu pożizzjoni 'l barra minn dan il-poplu u jipprotesta kontrih daqskemm jista' jkun fil-qalba tiegħu, u minn hemm isir mezz kif l-użanzi lingwistiċi stabbiliti, foloz għax ċerti, jerġgħu jsiru sinjali ġodda. Forsi d-dinja ma taqax bil-protesti daqskemm taqa' meta taqa' l-lingwa li tippreżentaha.

L-aħjar eżempju hu ta' Kierkegaard meta jgħid li raġel li ra tabella tgħid li fil-ħanut issir il-mogħdija tal-ħwejjeġ mar biex jgħaddi ħwejġu u sab b'ħasda li t-tabella nnifisha kienet għall-bejgħ. Nista' naċċertakom li quddiem dak ir-raġel ma waqgħetx biss it-tifsira ta' tabella, iżda parti mid-dinja li hu kien qed jistenna li se taqdih. Ħa nagħlaq b'eżempju ieħor. Meta aħna nħarsu lejn dar qed tinbena nirrealizzaw li l-ġebel u l-forma tagħha qed jitilgħu fix-xejn. Il-vojt hu dak li jippermetti li fih issir struttura, iżda meta dar titla' l-vojt ma jinqeridx. Fil-fatt għad tinqered id-dar, l-isforz uman biex jagħmel forma, u mhux ix-xejn. U quddiemna ma jkollniex biss dar iżda wkoll il-vojt li hu preżenti anki jekk okkupat. Fil-prattiċità tagħna naraw biss id-dar, jew kull struttura oħra madwarna, iżda espressjoni awtentika tara l-istrutturi bħala possibbiltà, jew vojt. Anzi, din l-espressjoni tara d-dar innifisha bħala dik li tagħmilna konxji tal-possibbiltà: id-dar tista' taqa', ix-xejn le. Il-kittieb awtentiku hu dak li jagħtik id-dinja tiegħek fl-istess forma iżda b'mod li ma taħdimx aktar, jew dak li n-normali jkissru b'forom ġodda li jitilqu min-normali stess u jaslu sa assurdità. Hu dak li jagħtik il-possibbiltà, jew ilaqqgħek max-xejn, permezz tal-kelma.